

**ANNESS I**  
**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

FRONTPRO 11 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb 2–4 kg  
FRONTPRO 28 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >4–10 kg  
FRONTPRO 68 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >10–25 kg  
FRONTPRO 136 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >25–50 kg

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull pillola li tintmagħad fiha:

### **Sustanza Attiva:**

FRONTPRO	Afoxolaner (mg)
pilloli li jintmagħdu għal klieb 2-4 kg	11.3
pilloli li jintmagħdu għal klieb > 4-10 kg	28.3
pilloli li jintmagħdu għal klieb >10-25 kg	68.0
pilloli li jintmagħdu għal klieb >25-50 kg	136.0

Għal-lista sħiħa tal-ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Pilloli li jintmagħdu.

Pilloli ħomor sa kannella fl-aħmar bid-dbabar, b'forma tonda (pilloli għal klieb 2-4 kg) jew b'forma rettangolari pilloli għal klieb >4-10 kg, pilloli għal klieb >10-25 kg u pilloli għal klieb >25-50 kg).

## **4 TAGĦRIF KLINIKU**

### **4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Klieb

### **4.2 Indikazzjonijiet għal-użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.**

Kura ta' infestazzjonijiet bi briegħed fil-klieb (*Ctenocephalides felis* u *C. canis*) għal mill-inqas 5 ġimħat. Il-prodott jista' jintuża bħala parti minn strateġija ta' kura għal-kontroll ta' dermatite ta' allerġija għal-briegħed (FAD).

Kura ta' infestazzjonijiet b'qurdien fil-klieb (*Dermacentor reticulatus*, *Ixodes ricinus*, *Rhipicephalus sanguineus*). Kura waħda toqtol il-qurdien sa xahar.

Il-briegħed u l-qurdien iridu jeħlu mal-ospitant u jibdew jieklu biex jiġi esposti għas-sustanza attiva.

Kura ta' demodikosi (ikkawżata minn *Demodex canis*)

Kura ta' sarcoptic mange (ikkawżata minn *Sarcoptes scabiei var.canis*).

### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Tużax f'każijiet ta' sensittività għal-ingredjent attiv jew għal xi wieħed mill-ingredjenti mhux attivi.

#### **4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott**

Il-parassiti jridu jibdew jieklu fuq l-ospitant biex jiġu esposti għal-afoxolaner; għaldaqstant ir-riskju tat-trażmissjoni ta' mard li jinġarr mill-parassiti ma jistax jiġi eskluż.

#### **4.5 Prekawzjonijiet Speċjalisti għal-Użu**

##### Prekawzjonijiet speċjalisti għal-użu fl-annimali

Fin-nuqqas ta' informazzjoni, il-kura għal ġriewi li għandhom inqas minn 8 ġimġhat u/jew għal klieb li għandhom inqas minn 2 kg ta' piżi tal-ġisem għandha tīgi bbażata skont il-valutazzjoni tal-benefiċċju/ riskju mill-veterinarju responsabbli.

##### Prekawzjonijiet speċjalisti li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Biex tevita li tfal ikollhom aċċess għal dan il-prodott mediċinali veterinarju, neħħi pillola waħda biss mill-folja kull darba li għandek bżonn. Daħħal lura l-folja bil-kumplament tal-pilloli li jintmagħdu fil-kaxxa.

Aħsel idejk wara li tmiss il-prodott.

#### **4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

Effetti gastrointestinali ħief (rimettar, dijarea), ġakk, ġedla, anoressja u sinjali newroloġiċi (konvulżjonijiet, atassja, u rogħda muskolari) ġew irrapportati f'każi rari ħafna. L-effetti mhux mixtieqa l-iżżejjed irrapportati kienu limitati fihom infushom u mhux fit-tul.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali kkurati li juru reazzjoni(jiet) mhux mixtieqa
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal ikkurat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal ikkurat)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal ikkurat)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal ikkurat, inklużi rapporti iżolati).

#### **4.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġi u fi żmien il-bidien**

Studji fil-laboratorju fuq ġrieden u fniek ma wrewx evidenza ta' effetti teratoġeniċi, jew xi effetti oħra mhux mixtieqa fuq il-kapaċità riproduttiva ta' klieb irġiel u nisa.

Is-sigurtà tal-prodott veterinarju mediċinali ma għietx stabbilita waqt it-tqala u t-treddiġi jew fi klieb tat-tgħammir. Uża biss skont il-valutazzjoni tal-benefiċċju/riskju mill-veterinarju responsabbli.

#### **4.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

Xejn li hu magħruf.

#### **4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' amministrazzjoni**

Għal-użu orali.

### Dożaġġ:

Il-prodott għandu jiġi amministrat b'doża ta' 2.7–7 mg/kg ta' piż tal-ġisem skont it-tabella li ġejja:

Piż tal-ġisem tal-kelb (kg)	Qawwa u numru ta' pilloli li jintmagħdu li għandhom jiġu amministrati			
	FRONTPRO 11 mg	FRONTPRO 28 mg	FRONTPRO 68 mg	FRONTPRO 136 mg
2–4	1			
>4–10		1		
>10–25			1	
>25–50				1

Għal klieb il-fuq minn 50 kg ta' piż tal-ġisem, uża taħlita xierqa ta' pilloli li jintmagħdu ta' qawwiet differenti/tal-istess qawwa. Il-pilloli m'għandhomx jinqasmu.

### Mod t'amministrazzjoni:

Il-pilloli jistgħu jintmagħdu u għandhom tgħoma tajba għal-parti l-kbira tal-klieb. Jekk il-kelb ma jaċċettax il-pilloli direttament, jistgħu jingħataw mal-ikel.

### Skeda tal-kura:

*Kura ta' infestazzjonijiet ta' briegħed u qurdien.*

F'intervalli ta' kull xahar matul 1-istaġuni tal-briegħed u/jew qurdien, ibbażata fuq is-sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi lokali.

*Kura ta' demodikosi (ikkawżata minn Demodex canis);*

Amministrazzjoni kull xahar tal-prodott sakemm żewġ barxiet tal-ġilda jirriżultaw negattivi jinkisbu xahar bogħod minn xulxin. Każżejjiet severi jistgħu jirrik jedu kura ta' kull xahar fit-tul. Peress li d-demodikosi hija marda b'ħafna fatturi, fejn hu possibbli, huwa rakkmandabbli li tikkura kwalunkwe marda li tkun moħbija b'mod xieraq.

*Kura ta' sarcoptic mange (ikkawżata minn Sarcoptes scabiei var.canis).*

Amministrazzjoni kull xahar tal-prodott għal xahrejn konsekuttivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar amministrazzjoni ta' kull xahar tal-prodott fuq bażi ta' studju kliniku u brix tal-ġilda.

## **4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti), jekk ikun hemm bżonn**

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew osservati fi ġriewi f'saħħithom tal-Beagle 1- fuq minn 8 ġimħat meta ngħataw id-doża massima multiplikata għal 5 darbiet ripetuta 6 darbiet f'intervalli ta' ġimħtejnej sa erba' ġimħat

## **4.11 Perjodu(i) ta' tiżmim**

Mhux applikabbli.

## **5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp farmako-terapewtiku: Ektoparasittiċi għal użu sistemiku.  
Kodici veterinarja ATC: QP53BE01.

## **5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

Afoxolaner huwa insettiċida u akarċida li jappartjeni għal-familja ta' isoxazoline. Afoxolaner jaġixxi fil-kanali ta' *ligand-gated chloride*, b'mod partikulari dawk *gated min-newrotrażmettitur gamma-aminobutyric acid (GABA)* b'hekk jiġi mblukkati it-trasferiment tal-joni tal-kloridu tul il-membrani taċ-ċelluli qabel u wara t-trasferiment sinattiku. Dan jirriżulta f'attività mhux ikkontrollata tas-sistema nervuża ċentrali u l-mewt ta' insetti u akari.

It-tossiċità selettiva tal-Afoxolaner bejn insetti/akari u mammiferi tista' tīgi dedotta mis-sensittività differenzjali tar-riċetturi GABA tal-insetti/akari meta mqabbla mar-riċetturi tal-mammiferi.

Afoxolaner huwa attiv kontra l-briegħed adulti kif ukoll speċi differenti ta' qurdien bħal *Dermacentor reticulatus* u *D. variabilis*, *Ixodes ricinus*, u *I. Scapularis*, *Rhipicephalus sanguineus*, *Amblyomma americanum*, u *Haemaphysalis longicornis*.

FRONTPRO joqtol il-briegħed fi żmien 8 sīgħat u l-qurdien fi żmien 48 siegħa.

Il-prodott joqtol il-briegħed qabel il-produzzjoni tal-bajd u għaldaqstant jimpedixxi kontaminazzjoni fid-dar.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Wara li ġie amministrat lill-klieb mill-ħalq, ġie muri li Afoxolaner kellu assorbiment sistemiku għoli wara l-amministrazzjoni. Il-bijodisponibilità assoluta kienet ta' 74%.

Il-konċentrazzjoni massima medja ( $C_{max}$ ) kienet  $1,655 \pm 332$  ng/ml fi plasma  $2 - 4$  sīgħat ( $T_{max}$ ) wara doża ta' afoxolaner ta'  $2.5$  mg/kg. Afoxolaner jiġi distribwit fit-tessuti b'volum ta' distribuzzjoni ta'  $2.6 \pm 0.6$  l/kg u valur ta' tneħħija sistemika ta'  $5.0 \pm 1.2$  ml/siegħa/kg. Il-half-life tal-plażma terminali hija madwar ġimħatejn fil-maġġoranza tal-klieb: madanakollu l-half-life tal-afoxolaner jista' jvarja bejn kelb u ieħor (pereżempju, f'wieħed mill-istudji,  $t_{1/2}$  fil-Collies ma'  $25$  mg/kg ta' piż tal-ġisem kien sa  $47.7$  ġrañet) mingħajr impatt fuq is-sigurtà. Esperimenti *in-vitro* wrew li l-P-glycoprotein ma toħroġx, li jikkonferma li l-afoxolaner mhux sottostrat għat-trasportaturi tal-P-glycoprotein.

Afoxolaner fil-kelb jiġi metabolizzat f'komposti idrofiliċi mbagħad eliminat. Il-metaboliti u l-kompost ewlieni jiġu eliminati mill-ġisem bi tneħħija fl-awrina u mill-marrara bil-maġġor parti eliminat fil-bili. L-ebda evidenza ta' riċiklaġġ enteroepatiku ma ġiet osservata.

## **6. TAGħrif FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' ingredjenti**

Lamtu tal-qamħirrun  
Soy protein fines  
Beef braised flavouring  
Povidone (E1201)  
Macrogol 400  
Macrogol 4000  
Macrogol 15 hydroxystearate  
Glycerol (E422)  
Triglycerides medium-chain

### **6.2 Inkompabilitajiet maġġuri**

Mhux applikabbli

### **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għal-bejgħ: 3 snin.

### **6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn tal-ebda kundizzjoni speċjali sabiex jinħażen.

### **6.5 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjar li jmiss mall-prodott**

Il-prodott veterinarju mediċinali huwa ppakkjat individwalment fi *blisters* tal-PVC illaminat iffurmati bis-şħana miksija minn wara b'folja tal-aluminju (Aclar/PVC/Alu).

Kaxxa fiha *blister* ta' 1, 3 jew 6 pilloli li jintmagħdu jew 15 il-*blister* ta' pilloli li jintmagħdu.

Mhux id-daqsijjiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

### **6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti mediċinali veterinarji għandhom jintremew skont kif jitkolu r-regolamenti lokali..

## **7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH  
55216 Ingelheim/Rhein  
IL-ĠERMANJA

## **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI(JIET) GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/19/240/001-016

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 20/05/2019

## **10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea dwar il-Mediċini (<http://www.ema.europa.eu>).

## **PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVVISTA U/JEW UŻU**

Mhux applikabbli.

## **ANNESS II**

- A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦAL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**
- D. KUNDIZZJONIJIET OĦRA U REKWŻITI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

**A. MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦAL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbl mill-ħruġ tal-lott.

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS  
4 Chemin du Calquet  
31000 Toulouse  
FRANZA

**B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

**Ċ. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

Mhux applikabbli.

**D. KUNDIZZJONIJIET OĦRA U REKWŻITI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Rekwiżiti speċifiċi ta' farmakoviġilanza.

Is-sottomissjonijiet tar--rapport perjodiku dwar l-aġġornament tas-sikurezza għandhom jkunu sinkronizzati u sottomessi bl-istess frekwenza bħal dawk tal-prodott ta' referenza.

**ANNESS III**  
**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **A. TIKKETTA**

## **TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

### **Kartuna**

#### **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

FRONTPRO 11 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb 2–4 kg

FRONTPRO28 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >4–10 kg

FRONTPRO68 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >10–25 kg

FRONTPRO 136 mg pilloli li jintmagħdu għal-klieb >25–50 kg

afoxolaner

#### **2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

Afoxolaner 11.3 mg

Afoxolaner 28.3 mg

Afoxolaner 68 mg

Afoxolaner 136 mg

#### **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

pilloli li jintmagħdu

#### **4. DAQS TAL-PAKKETT**

pillola 1

3 pilloli

6 pilloli

15 il -pillola

#### **5. SPEċI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Klieb 2–4 kg

Klieb >4–10 kg

Klieb >10–25 kg

Klieb >25–50 kg

#### **6. INDIKAZZJONI(JIET)**

#### **7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel 1-użu.

Għal-użu orali

**8. ŻMIEN TA' TIŻMIM****9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

**10. DATA TA' SKADENZA**

JISKADI {xahar/sena}

**11. KUNDIZZJONIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN****12. PREKAWZJONIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif

**13. IL-KLIEM “GĦAL-KURA TAL-ANIMALI BISS” U KUNDIZZJONIET JEW RESTRIZZJONIET DWAR IL-PROVVISTA U L-UŻU, JEKK APPLIKABBLI**

Għal-kura tal-animali biss. Għandu jingħata biss b'rīċetta veterinarja.

**14. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidħirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ**

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH  
55216 Ingelheim/Rhein  
IL-ĠERMANJA

**16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ**

EU/2/19/240/001  
EU/2/19/240/002  
EU/2/19/240/003  
EU/2/19/240/004  
EU/2/19/240/005  
EU/2/19/240/006  
EU/2/19/240/007

EU/2/19/240/008  
EU/2/19/240/009  
EU/2/19/240/010  
EU/2/19/240/011  
EU/2/19/240/012  
EU/2/19/240/013  
EU/2/19/240/014  
EU/2/19/240/015  
EU/2/19/240/016

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ *BLISTERS* JEW STRIXXI**

**BLISTER**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

FRONTPRO 11 mg klieb 2 – 4 kg

FRONTPRO28 mg klieb >4 – 10 kg

FRONTPRO 68 mg klieb >10 – 25 kg

FRONTPRO136 mg klieb >25 – 50 kg

afoxolaner



**2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**



**3. DATA TA' SKADENZA**

EXP

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lot

**5. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għal-kura tal-annimali biss.

**B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF

**FRONTPRO 11 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb 2–4 kg  
FRONTPRO 28 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb > 4–10 kg  
FRONTPRO 68 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb > 10–25 kg  
FRONTPRO 136 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb > 25–50 kg**

### **1. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ U TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦAL-ĦRUĠ TAL-LOTT, JEKK DIFFERENTI**

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqeħġid fis-suq

Boehringer Ingelheim Vetmedica GmbH

55216 Ingelheim/Rhein

IL-ĠERMANJA

Manifattur responsabblī għal-ħruġ tal-lott:

Boehringer Ingelheim Animal Health France SCS,

4 Chemin du Calquet,

31000 Toulouse,

Franza.

### **2. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

FRONTPRO11 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb (2–4 kg)

FRONTPRO28 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb (> 4–10 kg)

FRONTPRO 68 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb (> 10–25 kg)

FRONTPRO136 mg pilloli li jintmagħdu għal klieb (> 25–50 kg)

afoxolaner

### **3. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I) U INGREDJENT(I) OĦRA**

Kull pillola li tintmagħad fiha:

FRONTPRO c/	Afoxolaner (mg)
pilloli li jintmagħdu għal klieb 2–4 kg	11.3
pilloli li jintmagħdu għal klieb > 4–10 kg	28.3
pilloli li jintmagħdu għal klieb > 10–25 kg	68.0
pilloli li jintmagħdu għal klieb > 25–50 kg	136.0

Pilloli ħomor sa kannella fl-aħmar bid-dbabar, b'forma tonda (pilloli għal-klieb 2–4 kg) jew b'forma rettangolari (pilloli għal-klieb > 4–10 kg, pilloli għal-klieb > 10–25 kg u pilloli għal-klieb > 25–50 kg).

### **4. INDIKAZZJONI(JIET)**

Kura ta' infestazzjonijiet bi briegħed fil-klieb (*Ctenocephalides felis u C. canis*) għal mill-inqas 5 ġimħat. Il-prodott jista' jintuża bħala parti minn strateġija ta' kura għal-kontroll ta' dermatite ta' allerġija għal-briegħed (FAD).

Kura ta' infestazzjonijiet b'qurdien fil-krieb (*Dermacentor reticulatus*, *Ixodes ricinus*, *Rhipicephalus sanguineus*). Kura waħda toqtol il-qurdien sa xahar.

Il-briegħed u l-qurdien iridu jeħlu mal-ospitant u jibdew jieklu biex jiġu esposti għas-sustanza attiva.

## 5. KONTRAINDIKAZZJONIJIET

Tużax f'każijiet ta' sensittività għal-ingredjent attiv jew għal xi wieħed mill-ingredjenti mhux attivi.

## 6. EFFETTI MHUX MIXTIEQA

Effetti gastrointestinali ħief (rimettar, dijarea), ġakk, ġedla, anoressja u sinjalji newroloġiċi (konvulżjonijiet, atassja, u rogħda muskolari) ġew irrapportati f'każi rari ħafna. L-effetti mhux mixtieqa l-iżjed irrapportati kienu limitati fihom infushom u mhux fit-tul.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:

- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali kkurati li juru effett(i) mhux mixtieqa)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal ikkurat)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'1,000 annimal ikkurat)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'10,000 annimal ikkurat)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal ikkurat, inklużi rapporti iżolati).

Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok informa lit-tabib veterinarju tiegħek.

## 7. SPEċI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Krieb

## 8. DOŻA GĦAL KULL SPEċI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal-użu orali.

Dożagiġ:

Il-prodott għandu jiġi amministrat skont it-tabella li ġejja biex tassigura doża ta' 2.7–6.9 mg/kg ta' piż tal-ġisem.

Piż tal-ġisem tal-kelb (kg)	Qawwa u numru ta' pilloli li jintmagħdu li għandhom jiġu amministrati			
	FRONTPRO 11 mg	FRONTPRO 28 mg	FRONTPRO 68 mg	FRONTPRO 136 mg
2 – 4	1			
>4.1–10		1		
>10–25			1	
>25 –50				1

Għal krieb il-fuq minn 50 kg ta' piż tal-ġisem, uża taħlita xierqa ta' pilloli li jintmagħdu ta' qawwiet differenti/tal-istess qawwa.

Il-pilloli m'għandhomx jinqasmu.

### Skeda tal-kura:

*Kura ta' infestazzjonijiet ta' briegħed u qurdien.*

F'intervalli ta' kull xahar matul l-istaġuni tal-briegħed u/jew qurdien, ibbażata fuq is-sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi lokali.

*Kura ta' demodikosi (ikkawżata minn Demodex canis);*

Amministrazzjoni kull xahar tal-prodott sakemm żewġ barxiet tal-ġilda jirriżultaw negattivi jinkisbu xahar bogħod minn xulxin. Każijiet severi jistgħu jirrikjedu kura ta' kull xahar fit-tul. Peress li d-demodikosi hija marda b'ħafna fatturi, fejn hu possibbli, huwa rakkommandabbli li tikkura kwalunkwe marda li tkun moħbija b'mod xieraq.

*Kura ta' sarcoptic mange (ikkawżata minn Sarcoptes scabiei var.canis).*

Amministrazzjoni kull xahar tal-prodott għal xahrejn konsekuttivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' aktar amministrazzjoni ta' kull xahar tal-prodott fuq bażi ta' studju kliniku u brix tal-ġilda.

## **9. PARIR SABIEX TAMMINISTRA B'MOD KORRETT**

Il-pilloli FRONTPRO jistgħu jintmagħdu u għandhom tħġoma tajba għal-parti l-kbira tal-klieb. Jekk il-kelb ma jaċċettax il-pilloli direttament, jistgħu jingħataw mal-ikel.

## **10. PERJODU(I) TA' TIŻMIM**

Mhux applikabbli.

## **11. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAL-ĦAŻNA**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Tużax dan il-prodott mediciinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-pakkett wara SKADENZA.Id-data tal-iskadenza tirreferi għal-aħħar għurnata ta' dak ix-xahar.

Dan il-prodott mediciinali veterinarju m'għandux bżonn ta' kundizzjonijiet ta' ħażna speċjali.

## **12. TWISSIJIET SPEĊJALI**

Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott:

Il-parassiti jridu jibdew jieklu fuq l-ospitant biex jiġu esposti għal-afxolaner; għaldaqstant ir-riskju tat-trażmissjoni ta' mard li jingħarr mill-parassiti ma jistax jiġi eskluż.

Prekawzjonijiet speċjali għal-użu fl-annimali:

Fin-nuqqas ta' informazzjoni, il-kura għal-ġriewi li għandhom inqas minn 8 ġimħat u/jew għal klieb li għandhom inqas minn 2 kg ta' piżi tal-ġisem għandha tiġi bbażata skont il-valutazzjoni tal-benefiċċju u r-riskju mill-veterinarju responsabbli.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediciinali veterinarju lill-annimali:

Biez tevita li t-tfal ikollhom aċċess għal dan il-prodott mediciinali veterinarju, neħħi pillola waħda biss mill-blister kull darba li għandek bżonn. Daħħal lura l-blister mal-kumplament tal-pilloli li jintwagħdu fil-kaxxa.

Aħsel idejk wara li tmiss il-prodott.

### Tqala u treddiġħ:

Testijiet fil-laboratorju fuq ġrieden u fniek ma wrewx evidenza ta' effetti teratoġeniċi, jew xi effetti oħra mhux mixtieqa fuq il-kapaċċità riproduttiva ta' klieb irġiel u nisa. Is-sigurta tal-prodott veterinarju mediċinali ma għietx stabilita waqt it-tqala u t-treddiġħ jew fi klieb tat-tħammir. Uża biss skont il-valutazzjoni tal-benefiċċju/r-riskju mill-veterinarju responsabbli.

### Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti):

L-ebda effetti mhux mixtieqa ma ġew osservati fi ġriewi f'saħħithom tal-Beagle 'l fuq minn 8 ġimħat meta ngħataw id-doża massima multiplikata għal 5 darbiet ripetuta 6 darbiet f'intervalli ta' 2 sa 4 ġimħat.

## **13. PREKAWZJONIJIET SPEċJALI DWAR RIMI TA' PRODOTT MHUX UŻAT JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Staqsi lill-kirurgu veterinarju tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

## **14. DATA META ĠIE APPROVAT L-AĦĦAR IL-FULJETT TA' TAGĦRIF**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Ägenzija Ewropea dwar il-Mediċini (<http://www.ema.europa.eu>).

## **15. TAGĦRIF IEĦOR**

Afoxolaner huwa insettiċida u akariċida li jappartjeni għal-familja ta' isoxazoline .

FRONTPROhuwa attiv kontra l-briegħed adulti kif ukoll speċi differenti ta' qurdien bħal

*Dermacentor reticulatus* u *D. variabilis*, *Ixodes ricinus*, u *I. Scapularis*, *Rhipicephalus sanguineus*, *Amblyomma americanum*, u *Haemaphysalis longicornis*.

FRONTPRO joqtol il-briegħed fi żmien 8 sigħat u l-qurdien fi żmien 48 siegħha.

Il-prodott joqtol il-briegħed qabel il-produzzjoni tal-bajd u għaldaqstant jimpedixxi kontaminazzjoni fid-dar.

Għal kull qawwa, il-pilloli li jintmagħdu jinstabu fid-daqsijiet tal-pakkett li ġejjin: kaxxa bi *blister* li fiha 1, 3 jew 6 pilloli li jintmagħdu jew 15-il blister ta' pillola li jintmagħdu f'kull waħda.

Mħux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.